# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta ħamis, barra minn ħamis ix-Xirca u Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Ghaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistghu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil-kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu ghall'inkas bis-sitt xhur fuk.—Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra.—Ebda chitba li tasal f 'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta taghlim, ta aħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Appostulat tat-Talb,* li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, ghall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is-Sur Dŭardu Galea (str. Cristoforu, numru 174).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

L' EŬŬEL SENA. — IL ĦAMIS, il 5 TA SETTEMBRU, 1912. — NRU. 30.

*Inbiercu b' kalbna collha il ĦABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, ghax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. ARCISKOF U ISKOF.

## It-8 ta Settembru!

Gieħ u kima lil Missierijetna, f'dan il jum tal ghid taħħom! Gieħ u kima lill'isem ghażiż ta Malta! Gieħ u kima lill Maltin li ghad ghandhom tiġri f'demmhom iż-żerriegha ta Daŭc li ma bieghux l'Art taħħom ghall frughat tad-dinja u ghall ħobża ta cull-jum!

Ħalli ighidu xi gażetti ingliżi li aħna *nisel gharbi* u imissna ghadna bis-saruan! Li STORJA TAD-DINJA tghid li aħna *conna diġà* SEHEM TA RUMA mita il cburin ta 'l-lum chienu ghadhom......ma tŭieldux!—Ħalli ighidu xi gażetti taljani li aħna *bghula tal gharab* u fost in-nisa taghna m'haŭnx ŭaħda *tal galbu!* Li STORJA TAD-DINJA tghid li il Maltin—irgiel, *nisa* u tfal—rażżnu darba ghal dejjem il killa tat-Toroc; u, li ma chienux huma, l'*Italja* u il bkija tal Eŭropa collha ŭakghu fil jasar!—Min jista imieri li Storja?.... Min jista ighatti ix-xemx bil gharbiel?....

U ma conniex cbar fi żmien it-Toroc biss! Conna cbar mita giè haŭn Missierna San Paŭl, ladarba ilkajnieħ hecc tajjeb: u mhux biss dorna biħ u bi sħabu, mentri is-salvaġġi, f'daŭc iż-żmienijet coroħ, chienu jaghmlu ghal min jaraŭ fil gharka; imma, fi tliet xhur, ftaħna ghajnejna ilcoll ghaddaŭl tat-taghlim tieghu u bkajna inżommu kaŭŭi fiħ s'issa!—Conna cbar mita giè haŭn Ruggieru in-Normannu, ladarba mhux biss ma ħaŭŭadniex mas-Saracini li chienu jaħcmu fukna, imma *iddota* minn ħŭejjġu il Cnisja ta Malta u tàna biċċa mill'*Arma tieghu* bħala bandiera taghna!—Conna cbar mita geŭ haŭn il Cavalieri ta *San-Ġŭann*, ladarba, ghalavolja Carlu Ħamsa, Sultan ta Skallija u taghna, chien tahom din il Gżira, ma 'ssugraŭx imiddu riġlejhom fukha kabel ma baghtu il *Procuraturi taħħom* minn Serkusa biex jiftehmu maghna!—U conna cbar mita geŭ haŭn il Franciżi, ladarba, malli ma ghoġobniex ghamilhom, chellna il ħila *ninbloccaŭhom* mis-sŭar il-geŭŭa u inżommuhom sentejn maghluka, sa-chemm, imbaghd, MINN JEDDNA, *ghażilna l'Ingliżi biex jiggvernaŭna!* ...

Jecc San Luka kâl fil *Ctieb tal Appostli* li aħna «dorna bihom u tajnihom ghajnuna cbira»—jecc il Muratori ħalla mictub li aħna «ghaġġibna id-dinja b'dac li ghamilna fil gŭerra mat-Toroc»—il Generàl Thomas Graham stkarr ucoll, fid-9 ta ġunju 1800, mita il Franciżi chienu ghadhom ma telkux ghal-collox u l'*Ingliżi conna ghadna ma tajnihomx din il Gżira taħt idejhom*, li aħna «sirna cbar kuddiem id-dinja u li *Storja* ma ghandhiex esempju actar tal-ghageb minn taghna!»

Min imieri li *Storja?* Min ighatti ix-xemx bil gharbiel?....

Cbir il jum tat-8 ta Settembru, ghax fiħ ħlisna l'Eŭropa mil jasar tat-Toroc! Imma ghandna jem oħra cbar bħalu—u, fost l'oħrajn, imisshom ma jinseŭhomx l'Ingliżi u it-Taljani!

Gieħ u kima lil Missierijetna, f'dan il jum tal ghid taħħom! Gieħ u kima lill Cavalieri tat-tmin Nazzjonijet li iccumbatteŭ mal Maltin contra it-Toroc! Gieħ u kima lill Grammastru La Vallette, li mexxa il gŭerra b'dehen u ħila cbar! Gieħ u kima lil Toni Bajjada, li mit darba issogra ħajjtu, biex jifred il camp tal ghedeŭŭa u iŭassal l'ordnijet tas-Sultan mil Birgu ghall'Imdina! Lil Luka Briffa u in-nies l'oħra tal Cavlerija tal Campanja! Lill'Inginjer Ġlormu Cassar, li ŭerŭer il Mustafà bil ħeġġa u il curaġġ tieghu! Lill Cejlu Tonna, li siŭa daks mija fit-takbida tal Birgu! Lin-Nisa u it-Tfal, li, fil battalja tal Isla, reġġghu l'ura il chiefer Candlissa u in-nies tieghu, bit-tfiħ taċ-ċriechi micŭija u b'li sbandoli! Lill Patri Bert, li, midrub f'rasu, baka iħaġġeġ il ħutu, taħt ix-xita tal balal! Lill mijet u eluf ta Maltin oħra, li ghaġġbu li stess Cavalieri u chexxu it-Toroc bil klub ta sŭar taħħom! Gieħ u kima lill Malta u lill'Uliedha, ghax sa-chemm id-dinja tibka dinja ħadd ma iħassar mil li *Storja* l'isem cbir u rebbieħ li ħalleŭ ŭarajhom!

U gieħ u kima Lilna, jecc aħna nibkghu nghożżu din il ŭirta cbira ta sebħ u ta foħrija! Nerfghu rasna, f'dan il jum imkaddes tat-8 ta Settembru: u niżżu-ħajr ll'Alla u ll'Ommu, li kabżu bid-dieher ghalina u taŭna mis-Sema il ghajnuna taħħom: u nitolbu il mistrieħ ta dejjem fuk il kobra gheżież tal Cbar taghna: u nifirħu, ghax ghandna biex, ma Pajjiżna: u inroddu imħabba b'imħabba lill Barranin collha li iccumbatteŭ maghna: u, b'ŭiċċna minn kuddiem, nghidu lid-Dinja chif iddur li *dac li ghamlu il Maltin ghad ma ghandhomx esempju tieghu l'artijet l'oħra!* ...

Gieħ u kima lil Missierijetna! U Alla l'imbierec ibieghed minn fukna dic is-siegha misħuta li il cobor taħħom jista icun leħen ta ċanfira ghalina u ghal daŭc li ghad iridu jitnisslu minn'na!

---

## IL ŬIRJA

### FIL CUNGRESS EŬCARISTICU.

(2)

Fl'aħħar ħarġa taghna, ghedna li, minn ghalina, ghad li id-Direttur tal *Habib* hu ŭieħed mil Membri tal *Cumitat Esecutiv* (anzi, ŭieħed miż-żeŭġ Segretarji tieghu), ma nafux li *giè decis* li ghandha issir *Ŭirja cbira* fil ġranet tal *Cungress Eŭcaristicu*: imma, 'mbaghd, staksejna chienx jeŭŭilla intkal xi ħaġa fil *Cumitat General*, ghax ftacarna li, billi daŭn il ġranet kieghdin il Campanja, conna inkasna minn ŭaħda mil lakghat tieghu: u gejna nafu li dan il *Cumitat General*, seŭŭa-seŭ f'dic il lakgha, chien *iddecida*, ŭara qŭistjoni cbira bejn daŭc li rieduha u bejn daŭc li ma rieduhiex, li ghandha issir il *Ŭirja*. U giè maghżul minn fost in-nies tieghu *Cumitat barrani* ghaliha biss, chif ŭissejna aħna li ghandu isir, minghajr ma conna nafu li diġà chien sar. Mela, sa haŭn, jaħtieġ inseŭŭu dac li ghedna, biex icun jakbel ma dac li ġara s'issa: u biex il Karrejja taghna icunu jafu collox fil ħin, nissoctaŭ nghidu ucoll li dac il *Cumitat barrani tal Ŭirja* (insejjħulu hecc biex naghżluħ mil *Cumitat General* u mil *Cumitat Esecutiv*) diġà bida jaħdem, ghax nafu li il gimgha li ħarġet chellu lakgha fil Palazz tal *Ŭnjoni Cattolica*. U, chif ighidu, ghandu ħsiebijet cbar fuk din il *Ŭirja*, ghax intkal li saħansitra hemm il ħajra li jinbina lôc ghal t'apposta, b'nefka li tilħak mal *elf u ħames mit lira.*

Tcun chiecu ħaġa sabiħa, ħaġa ta gieħ u ta fejda ghall Malta: u li chellha tinħaseb ghal żmien ieħor, il *Habib* chien jitħabat ghaliha bil ħrara tieghu collha u ighin id-dghajjsa chemm jiflaħ, ghax, anzi, imissu ghandna *Ŭirja* hecc miftuħa is-sena collha, biex nuru lill frustieri li jiġu haŭn l'*Arti*, l'*Industrja* u il *Cummerċ* ta Malta u Ghaŭdex (specjalment fix-xoghol tal *filugranu* tal fidda u f'li *scultura* tal ħaġar, fl'*insiġ* ta cull xorta u fil ħdim tal *bizzilla*, fil cum-

**daŭn l'ittri aħna 'nħalluhom dejjem bl'*ortografija* taħħom? Jecc immissuhom, nitilfu dic li irridu nuru bihom.**

ID-DIREZZJONI.

## TŬISSIJET FUK IS-SAĦĦA

(*Jissocta fuk il Ġuvintur u Xebbiet.*)

Biex inżomm chelmti (chif ŭieghedt fil *Ħabib* tal 14 tax-xahar li ghadda) illum nitħaddet minn daŭc l'ulied li ma jistghux icomplu imorru li scola ŭara il ghaxar snin, jeŭ ghax rashom ma tatihomx, jeŭ inchella ghax ommhom u missierhom ma ghandhomx biex imantnuhom, u ghaldakshecc jaħtigilhom ikabduhom jaħdmu biex jakalghu xi ħaġa.

Daŭn x'isir minnhom? Jecc huma b'saħħithom u imrobbija tajjeb, chif ghedt kabel, *is-subien* ghandnom jieħdu is-sengha ta missierhom, jeŭ xi sengha oħra li actar toghġobhom, billi jinbaghtu ghand xi mghallem bil ghakal li mhux biss ichissirhom ghax-xoghol u ighallimhom, imma ucoll jieħu ħsiebhom. Oħrajn jidħlu man-nies bħala kaddejja (mas-sinjuri), xi uħud jibdeŭ innegozju billi ibieghu fit-triek u bosta ħŭejjeġ bħal daŭn. Meta, jirtiraŭ id-dar fil ghaxija (ghax katt ma ghandhom it-tfal intreħeŭ minnhom ll'Alla bħalma kieghed jiġri daż-żmien, illi malli jilbsu kalziet jirħulhom ighixu b'ruħom) l'omm ghandha tieħu ħsieb tal indafa ta gisimhom u ta ħŭejjiġghom, titmaħħom chemm hemm bżonn scond ix-xoghol li icunu jaghmlu u tieħu ħsieb ta ruħhom ucoll, billi tibghathom id-dutrina, iġġaghlhom ikerru cull gimgha, biex fil ħdud tara li jisimghu il kuddies u jitkarbnu. Meta ma imorrux ghax-xoghol, ghandhom jitfarrġu b'xi divertiment biex jithejjeŭ ghax-xoghol tal gimgha li tcun gejja. Hecc bil kajla il kajla jidraŭ ix-xoghol, jibdeŭ jakalghu xi ħaġa u ighinu l'ommhom u il missierhom, jitilghu bil ghakal, jibżghu ghall ħabba, u iħobbu l'Alla. *Il bniet*, min-naħħa l'oħra, jecc huma b'saħħithom ghandhom jinxeħtu ghax-xoghol jebes, imma jecc huma xipli jeŭ fiacchi, jinħtieġ li tatuhom sengha jeŭ xoghol li biħ jakalghu x'jieclu bla tbatija. L'eŭŭel nett, ghandhom jitchissru fil facendi tad-dar ghax xbejba li katt ma ħaslet, ma sajjret u seŭŭiet ħŭejjiġha, ma tista katt tieħu ħsieb id-dar taħħa jecc tiżżeŭŭeġ. Imbaghd, daŭc li huma kaŭŭijin u sħaħ jistghu jaħdmu fir-raba, imorru man-nies u jaghmlu xoghlijet bħal daŭn—daŭc li huma xipli u delicati jinbaghtu ghand xi majjistra tal ħjata, tar-raccmu jeŭ tal cpiepel, oħrajn jokoghdu jaħdmu id-dar il bizzilla jeŭ xoghol ieħor. Imma l'omm ghandha tieħu dejjem ħsiebhom tant jecc jaħdmu barra jeŭ fid-dar, bħalma ghedt ghal ġuvintur.

Haŭn jaħtieġ naghmel tŭissija lill misserijet u l'ommijet, illi isservi ghall ġuvintur u ghax-xebbiet. Aghmlu id-dmir taghcom collu biex uliedcom ma jitħassrux, billi taraŭ ma min jaghmluha, ma min jitchellmu, u fejn imorru meta icunu uħudhom—araŭ tajjeb ma min iddaħħluhom jaħdmu ghax dan ta rekka cbira. Jaħtieġ li ma jittajjrux minn ċcunithom, ghax il ħażen li jitghallmu minn ħbiebhom u minn fejn icunu jaħdmu, jirchibhom u jitħassru ghal collox, billi ma icollhomx ghakal biż-żejjed biex jagharfu il gid mid-deni. Mhux biss li ghandcom tifthulhom ghajnejhom bil ghakal collu, u birragjuni it-tajjba; imma meta taraŭ xi ghajn ħażina begheduhom minn daŭc il ħbieb, oħorġuhom minn dac il post, resskuhom lejn il krar, ifthulhom ghajnejhom biex ma jintilfux: aħjar jitghallmu il ħażen minn ghand ommhom u missierhom, biex icunu jistghu jaħarbuħ, milli jitħażżnu ma sħabhom, tant jecc huma ġuvintur chemm ucoll xebbiet.

(*Jissocta*) DR. L. MANCHÉ.

## It-Tŭielid ta Marija

TIFHIR.

Ħarsa ta ħniena f'ghodŭa sabiħa
Mis-sema niżlet u il klub henniet,
Ma din il ħarsa il bniedem ħati
Il paci laka minn ġos-smeŭŭiet.

Fiż-żerniek seŭŭa ta din il ghodŭa,
Tfuħ bħala gilju minn tal ŭidien,
Dehret sabiħa, safja, bla tebgha,
Tfajla mixtieka minn bosta żmien.

Ferħet id-dinja fit-Tŭielid taħħa,
Minn kalb il bniedem il hemm itbieghed;
Is-sema feraħ u Lilha sellem,
Tberghen il ghadu, l'infern itrieghed.

Issaħħru l'anġli bil ġmiel minn taħħa,
Li bi sbuħitha ghaddiet ix-xemx;
Fost l'opri t'Alla, kalu bejniethom,
Chemm hi sabiħa!.. Bħalha ma hemmx..

Ix-xemx li cbira bir-raggi taħħa
Bojjod bħal fidda l'art tmur tindura,
Int ir-Regina, marret kaltilha,
Jen tieghec serva, Int is-Sinjura.

Il kamar Lejha bil ħleŭŭa ħares,
F'lejla tal hena u ta cbir schiet;
Imma 'd-daŭl tieghu malajr inchifes,
Meta riġlejha fuku poggiet.

U resku 'l cŭiecheb, curuna nisġu
Biex jatu kima lil di't-Tarbija;
Imma bid-dija u il ġmiel minn taħħa
Fid-daŭl minn taħħom bakghu mitfija.

Il ġmiel tal baħar bil ghâna tieghu,
U ix-xmajjar collha li ħiergin minnu,
Biex tifħir jatu lil din it-Tfajla,
bdeŭ collha itennu tal glorja l'innu.

Montanji ghôlja, u ŭidien fondi,
U ġonna tħaddru bi fjuri sbieħ,
Il vuci taghcom bil kaŭŭa tidŭi,
F'din il ġurnata ma l'erba' rieħ!

It-tjur tal ajru, minn ta cull xorta,
Illum ighannu actar bil ħleŭŭa,
Ghax illum tŭieldet Omm ŭisk Ħanina,
Omm Gesù Sidna, Alla tas-seŭŭa!

Ktajja tal anġli, fuk l'arpi taghcom,
Inni dlonc semmghu mill'actar sbieħ,
Man-nieka taħħa ilcoll inġabru,
Bid-dakk u il kima atuha gieħ!

U l'art u is-sema, flimchien imsieħba,
Tal ferħ ighollu illum l'*Osanna!*
Jatu foħrija, ibiercu 'mfarrġa
Lil Bint maħbuba minn ta Sant'Anna.

V. SAMMUT.

**Nihil Obstat. Die 18 Augusti 1912.**
**Alois. Can. Farrugia, Cens. Theol.**

# Ma dûar il Gżira

Pitghada (is-sibt) u nhar il ħadd, l'*Unjoni Cattolica* sejjra taghmel it-*Tifchira tat-8 ta Settembru*, fil Palazz Caraffa, chif imissha taghmel cull Xirca oħra Maltija fiċ-Circlu taħħa, bla ghira u bla frughat ta partiti. Pitghada, il Lakgha tal *Unjoni Cattolica* tcun fis-sebgha ta fil ghaxija bejn l'Imsieħbin taħħa biss; u isir *Discors* bil Malti fuk il *Vittoria tal 1565*: imma ghal nhar il ħadd, fil ghaxra u nofs ta fil ghodu, hemm mistiednin bosta Xirchiet oħra, bħalma huma tal *Camra Pontificja*, tan-Nobbli, tal Borża, tal Arti u Manifatturi, tal Agricultura, tal Archeologija u hecc: u id-*Discors* isir bit-Taljan. Dan sejjer jaghmlu ir-Reverendu Dun Ġŭann Gaŭci, D.D., M.A., Cerimonier tal Iskof u Sieħeb tal *Unjoni Cattolica*; u tal Malti chien mitlub mil Cumitat biex jaghmlu id-Direttur tal *Ħabib*: imma, billi ma satax jaccetta, ghax laħak tà il chelma ghal band'oħra, ghadna ma nafux min sejjer jaghmlu f'locu. Nittamaŭ li tcun festa sabiħa: festa li tkankal il klub u tarfa li mħuħ il-fuk.

—Niżżu-ħajr b'kalbna collha lir-Reverendu Patri Ŭiġ Attard, Lettur Ġubilat tal Minuri Frangiscani (*ta-Gieżu*), li ghoġbu jiftacar fîna din id-darba ucoll, chif in hu imdorri bit-tieba tieghu. Il *Cunferenza* li ghamel bit-Taljan fil *Villa Apap-Bolonja* ta ħ'Attard, fl'14 t'april li ghadda, fuk l'*Opra tas-Sorijet Frangiscani* imsejjħin *Missjunarji ta Marija*, mhux krajniha bil ħrara taghna collha, imma xtarrejniha u tghallimna bosta ħŭejjeġ minnha, ghax, barra milli hi mictuba u minsuġa bil gherf u bil ħeġġa tieghu, li hu ŭieħed mill'aħjar Chittieba u Oraturi ta Malta, fiha studju cbir fuk il gid li dic l'*Opra 'Mkaddsa* ghamlet fid-dinja s'issa, ghad li m'ilhiex imŭakkfa ħlief 36 sena. Nixtieku li fost il Karrejja taghna li jafu bit-Taljan (u m'humiex ftit) ma jibkax ŭieħed bla ma jakra dic il *Cunferenza*: u din hi l'aħjar triek biex nirriccmandaŭ li Stitut li titchellem fuku, ghax min jakraha isir iħobbu u irabbi ghaliħ kima cbira.

—Nifirħu lir-Reverendu Patri Lettur Gondisalv Camilleri, tad-Dumnicani, ghall panigircu imfaŭŭar bil gherf u imfisser lill Poplu b'ħabta cbira li ghamel, nhar il ħadd li ghadda, San-Giljan, ghall festa tat-Titular. Aħna ma staghgibniex biħ, bħalma staghgeb cull-min ma chienx jafu, ghax mindu conna smajnieħ jaghmel bit-Taljan il panigircu tal *Madonna tal Carità* f'*San-Paŭl* tal Belt, fejn stajna ma tlaknieħx actar: u conna nobsru x'chien gejj minn ghand dac il Predicatur, li jaghmel onur lill'Ordni tieghu u lill Cleru collu ta Malta. Oħ, li chiecu, mhux biss fil *Carità*, imma fil ħŭejjeġ collha tar-ruħ, tad-devozzjoni u tal *festi tal Cnisja*, jirnexxilna *nerġghu l'ura ghal-l'antic*, chif il gharef u ħeġġus Patri Gondisalv mar ifisser, fl'esordju tal panigircu tieghu, b'filosofija ċara u cbira!

—Geŭna ħafna poeżiji fuk it-*Tŭielid ta Marija*: u, chiecu stampajnihom collha, conna nimleŭ il *Ħabib* ta 'llum bihom biss. Għażilna, mela, l'eŭŭel ŭaħda li ŭaslitilna, biex ma nonksu lil ħadd: u ix-xorti riedet li, chif jidħrilna aħna, ma 'nzertatx l'aghar fosthom. Anzi, nistghu nghidu li, ma genb il katta poeżiji li geŭna daŭn il ġranet fuk festa oħra, ghad li m'hix bla tebgha, tista tghaddi b'ŭard u żahar.

—Il gimgha id-dieħla, ingibu mhux biss l'articlu *Chemm hu ta' min jistmerru l'ateismu*, imma ucoll l'ittra li giet imsieħba mieghu: u nifthu bil kalb collha il bŭieb tal *Ħabib* ghall chitba tar-Rev. Fra *E. F.*, ghax conna nafu li f'dac il Cunvent hemm Patri li jaf tas-seŭ bil Malti, imma ma conniex nafu x'jismu u li ħin bla ŭakt chien sejjer jigi ifittixna hu, f'lôc li morna infittxuħ aħna.

—Conna naħsbu li chellna nisimghu f'kasir żmien chif giè *ippremjat* il Contistabbli Duminc Depares, li, b'periclu cbir ta ħajtu u b'ħeffa tal-ghageb, irnexxielu jitfi dic il

*bomba* li chienet tkeghdet ŭara il bieb ta Monsinjur Attard. L'eŭŭel nett, *premju* hecc jisŭa biex ikankal il Sħabu fid-dmir kalil taħħom: u,imbaghd, bħalma cull-ħadd mar jifraħ lill Monsinjur Attard, li ħeles minn dac il periclu cbir, hecc ucoll jixrak li issir il kalb lil dac li ħelsu minnu. Nittamaŭ, mela, li, *jecc mhux ħaġ'oħra u mhux minn band'oħra*, naraŭ, f'kasir żmien, il Contistabbli Duminc Depares bil *Medalja* fuk sidru. Ghadu żaghżuħ ferm u tcun tifchira sabiħa fis-servizz tieghu.

—Frattant, ŭara il bomba ta haŭn il Belt, u tal Krendi, u it-tnejn taż-Żejtun, u il ħames ŭaħda ta Birżebbuġa—collha, tista tghid, f'daŭra ta gimgha—sbieħ it-tnejn li ghaddeŭ, inkabad ragel kieghed jati in-nar lil bomba oħra fit-telgha ta Raħal-ġdid, fejn il *Mâgna tas-silġ*. Dac ir-ragel giè arrestat: imm'aħna, ghad li nafuħ tajjeb, ma inxandrux ismu kabel ma jigi maghruf b'ħati mil Ħakk, ghax hecc naħsbuha. Nifirħu biss, ghall illum, lis-Surgent Arturo Leone, ragel tad-dehen u tal ħeġġa, li, bil ghajnnna ta żeŭġ Contistabbli kalbenin bħalu, irnexxielu jakbad il dac il bniedem fil fatt u f'li stess ħin jitfi il bomba fil ŭakt. Ħadem tasseŭ bil ghakal mil bidu sal aħħar: u aħna ghad nerġghu nitchellmu fuku.

## Ma dûar id-dinja

*Italja*—Il Papa dic in-nhar li ghalak disa' snin li chien incurunat, baghat elfejn (2000) franc lill Cummissjoni tal Chcejjen Economici ghall fkar.

Is-Sacerdot Sferrazza, f'Girgenti, inventa mâgna ŭisk semplici li biha tista tħaddem minnghajr nar carrozzi, carettuni, imtieħen, mâgni tal ħobż, etc.

Il Cardinal De Lai, Segretarju tas-Sacra Congregazjoni, xandar daŭn il ġranet ittra fejn ŭera chif sejrin icunu irranġati li studji fis-Seminarji.

Ŭara li it-Taljani rebħu Żŭara, intghat li fl'Losanna chien hemm xi conversazjonijet bejn ir-rappresentant tal Italja u tas-Sultan tat-Toroc. Il Gżejjer li ħadu it-Taljan ma jibkghux ghandhom, jarġghu imorru taħt is-Sultan, imma icunu ġvernati b'ŭisk actar cbira ħniena milli chienu kabel.

Intghat ucoll li daŭn il conversazjonijet ghandom jatu risultat tajjeb u ghall'aħħar ta settembru icun iffirmat it-trattat preliminari tal paci.

*Inghilterra*—Fil Parlament geŭ appruvati bla ebda opposizjoni li spejjes ghall viaġġ tas-Sultan taghna Giorġ meta mar l'Indja ghall'incuranazjoni tieghu bħala Imperatur, In-nefka telghet miljun liri.

Il Camra tal Comuni ħadet is-soliti vacanzi u il Parlament jinfetaħ fis-7 ta ottubru. F'dan ix-xahar ghandha tinfetaħ ghal sitt ti jem fis-Sala tal Biedja (*Agricultural Hall*) Esposizjoni tal Bolli tal Posta.

F'Norwich, ix-xmara chibret tant li gholiet daks ragel, ghaldakstant ħafna nies jinsabu kieghdin fi cnejjes u f'istituti.

*Franza*—Il Prim Ministru mar ir-Russja fejn ighidu sar ftehim fuk l'affarijet ta Turchija.

Is-Sorijet geŭ imcheċċija mil li sptarijet ta Normandija. Ix-xirca tat-tobba chitbet lill gvern favur tas-Sorijet u talbet biex iħallihom ghax huma tajjbin ŭisk ghal dac ixxoghol.

*Portugall*—F'Lisbona poġġeŭ fl'Avenue tal Libertà bomba. Suldat li chien ghaddejj lakatha b'sieku u ħadet in-nar. Is-suldat ghadu fil periclu tal meŭt.

*Turchija*—Ħafna capijet u ufficcjali sejrin icunu imghoddija Korti Marzjali ghax ureŭ li huma tal partit tar-rivoluzjonari.

Fuk il frontiera tal Montenegru li tati ghat-Turchija chien hemm 34 elf ruħ biex icunu lesti ghal xi bżonn. Issa daŭn is-suldati geŭ mibghuta l'ura ŭara it-talb tal potenzi lir-re Nicola.

L'Albanisi sejjrin jiċċakalku ucoll, fil ŭied ta Mitrovitza jinsabu 2500 ruħ; huma ŭisk incurlati ghax sabu il cadavri tan-nisa taħħom u ta uliedhom imbiċċrin.

F'Hotciana sparaŭ żeŭġ bombi hecc kaŭŭija li cull-ħadd inkata. Allura ħarġu mil qŭartier 200 suldat, bedghu jiġru mat-triekat u bix-xŭabel bil baljunetti katlu daŭc collha li intakghu maħħom. Il cadavri huma actar minn 200 u keghduhom fi cnisja fuk xulxin.

W.

## Chitbulna :—

Fit-2 ta Settembru,

*Ħabib ghażiż,*

Taf min jen, taf minn fejn kieghed nictiblec u taf chif naħsibha. Il *carattru* tieghi tafu tant, li qŭasi inkas cont sejjer nibghatlec il *biglietto di visita*. Ghamiltu haŭn geŭŭa biex ma nicsirx l'ordni, mhux ghax chien hemm bżonnu biex ticconoxxini.

Ghedtlec li *taf chif naħsibha*: cioè taf li jen, fejn imiss ir-Religion u il Patria, ma ghandix assolutament partiti. Issa, mela, ippermettili naghmel suggeriment ċchejchen, mhux biex nindaħal fid-doveri tal Aŭtorità Ecclesiastica, li ghaliha ghandi il venerazioni collha ta Cattolicu, chif ghandi ucoll rispett cbir ghall persuni li dan il mument tinsab f'idejhom: imma ghax jista jissucciedi li certi ħŭejjeġ ma tindunax bihom.

Is-suggeriment ċchejchen, iżda tal impurtanza.

Nixtiek insomma li Monsinjur Vigariu jibghat *Circulari* lill Cappillani u lill Capijet tal Cnejjes l'oħra collha li m'humiex Parroċċi, fejn jordnalhom, taħt xi piena kaŭŭija, li il *Cumitati tal Festi* (li, natutalment, jifformaŭ-ruħhom bl'approvazioni taħħom u taħt ir-responsabbilità taħħom) ma joħorġux actar *Programmi* minghajr il *Visto* tieghu jeŭ ta xi Sacerdot ieħor maghżul minnu.

Gharucaża! Certi *Programmi* minn collox issib fihom: botti fuk il partit, ghideb u insolenzi—mentri ma imisshomx icunu ħlief *Fervorini religiusi!* M'ilu xejn, il *Programm* ta certa festa ħareġ bit-Talian u bil Malti: imma bit-Talian compost môd u bil Malti compost b'môd ieħor: bit-Talian seriu u semplici, biex il persuni rispettabbili li jakraŭħ ma jiscandalizzaŭx ruħħom; u bil Malti, li messu icun traduzioni tat-Talian chelma b'chelma, imħaŭŭar b'ħafna *titoli stupidi*, b'ħafna *botti* u *insolenzi*, b'ħafna *fanfaronati*, li fi ħŭejjeġ hecc gheżież u imkaddsa tħosshom igibulec mistħija minn daŭc li huma ta Religion oħra!

Fi *Programm* ieħor bit-Talian krajna li il *Musica* chellha tcun scond il *Moto Proprio*: u imbaghd il *Gloria* (biex insemmu lilha biss) damet fuk it-tliet qŭarti u fiha smajna minn collox, dŭetti, terzetti, ritornelli ripetuti tliet darbiet (mil clarinett, mil flaŭt u mill'oboè), suli bil gaballetta u bil cadenza, ripetizionijet bla tarf u bla fini—insomma, l'acbar profanazioni tal *Moto Proprio!*

*Ħabib* ghażiż, ma 'nsemmix nies u pajjisi, ghax id-dnub irrid nolkot, mhux il midneb: imma chiecu insemmihom, inti issib f'daŭn iż-żeŭġ esempi l'acbar prova li jena ma ghandix partit u ma nixtiekx ħlief li il *Programmi tal Festi* icunu seri u dinjitusi: u almenu, jecc il *Moto Proprio* ma jigix osservat, daŭn il *Programmi* ma jiġdbux fuku.

R. T.

## Collox jintemm!

SUNETT.

Ħadd ma jiżghiċċa  
mil meŭt sigur,  
Cullħadd jispiċċa  
fkir u sinjur.

Sal ankas biċċa  
tintemm u tmur,  
tista 'ddum tfittxa  
tkalleb u iddur.

Jispiċċa 'l ghâna  
ghad jigi żmien.  
Ghalfejn tistghana!...

Il ġmiel, u is-saħħa  
u cull ħolkien  
ghandha 't-tmiem taħħa.

GIUS. SCIBERRAS.

Mil LUCERNA TAL HAJJA.—22. Ghad tmut sgur: fejn, chif u mita, ma tafx: cun, immela, dejjem lest.

Itolbu ll'Alla tal ħniena ghall mistrieħ tal erŭieħ gheżież tal **Monsinjur Canonicu Dun Frangisc Marmarà**, tal **Procuratur Legali Dûardu Semini** u tas-**Sinjurina Marija Soler**, li mietu daŭn il ġranet, imfarrgin bis-Sagramenti tal Cnisja u mibchijin minn krabathom u minn cull-min chien jafhom.

## MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN

## Taħbit il moħħ.



GINU.

L'aħħar TAĦBIT IL MOĦĦ chien:

"Min ma jarfax fuku salibu fid-dlamijet issibu."

(Araŭ: mi n ma ja r fa x fuk u salib u f'd d la mi jet is si b'u).

Giebuħ: mil Belt, ir-Rev. Dun. G. G, is-Sinjurina Giuseppina Farrugia u is-Sinjuri Piju-Marija Gaŭci, Paŭlu Cammilleri-Bezzina u Gius. Sciberras—u minn Ghaŭdex (ir-*Rabat*) C. A. u (*San Laŭrenz*) Dŭardu Grima.

Imma fost daŭn, ghad li ftit ucoll, ŭieħed biss giebu tajjeb ghal-collox.